# L-Aċċidenti fuq ix-Xogħol: Jannar-Ġunju 2026

NR 158/2026 | Is-Saħħa | Data tal-Ħruġ: **10/09/2026**





## Punti Prinċipali

- L-għadd ta' talbiet għall-Benefiċċju relatati mal-aċċidenti mhux fatali fuq ix-xogħol naqas bi ftit fl-ewwel nofs tal-2026 meta mqabblin mal-istess perjodu tal-2025.
- Madwar kwart ta' dawk li weġġgħu f'aċċidenti mhux fatali għamlu bejn sebat ijiem u tlettax-il jum neqsin mix-xogħol.
- L-akbar għadd ta' aċċidenti mhux fatali rrappurtati kien jolqot ħaddiema f'impjiegi elementari.
- Iżjed minn 60 fil-mija ta' dawk involuti f'aċċidenti mhux fatali rrappurtati kienu Maltin.
- Kienu rrappurtati tlitt imwiet fuq ix-xogħol fl-ewwel nofs tal-2026.

---

## Kummentarju

*Fl-ewwel nofs tal-2026, it-talbiet għall-Benefiċċju tal-Korriment għall-aċċidenti mhux fatali naqsu b'26, meta mqabbla mal-istess perjodu tal-2025. Kienu rrappurtati tliet aċċidenti fatali fuq ix-xogħol bejn Jannar u Ġunju 2026.*

**Aċċidenti mhux fatali**

Rekords amministrattivi juru li kienu rrappurtati 1,015-il aċċident mhux fatali fuq il-post tax-xogħol fl-ewwel sitt xhur tal-2026.

L-akbar għadd ta' dawn l-aċċidenti kien fil-qasam tal-Kostruzzjoni, bi 15.3 fil-mija tagħhom. Wara, kien hemm l-Attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn, bi 13.2 fil-mija. Barra minn hekk, kien hemm 118-il każ (11.6 fil-mija) fil-Manifattura u 110 każijiet (10.8 fil-mija) fl-Attivitajiet tas-saħħa tal-bniedem u ħidma soċjali (Tabella nru 1). Iżjed minn 25 fil-mija ta' dawk involuti kienu neqsin mix-xogħol għal perjodu li jvarja bejn sebat ijiem u tlettax-il jum (Tabella nru 2).

**Ċart nru 1. L-aċċidenti fuq ix-xogħol bl-oqsma tax-xogħlijiet (%)**




Fil-perjodu ta' riferenza, l-akbar għadd ta' aċċidenti fuq il-postijiet tax-xogħol kien jolqot ħaddiema f'impjiegi elementari, bi 305 każijiet jew 30.0 fil-mija tal-aċċidenti kollha. Warajhom, kien hemm il-ħaddiema tas-sengħa, b'191 każ jew 18.8 fil-mija tal-aċċidenti (Tabella nru 3). Persuni fl-età ta' bejn il-25 u l-44 sena kienu jgħoddu iżjed minn nofs l-aċċidenti fiż-żmien ta' riferenza (Tabella nru 4). Iżjed minn 60.0 fil-mija tal-persuni f'aċċidenti mhux fatali kienu Maltin (Tabella nru 5).

Kważi terz tal-korrimenti fuq ix-xogħol (33.0 fil-mija jew 335 każ) kienu jaffettwaw id-dahar, inkluż is-sinsla tad-dahar u l-għadam tagħha (Tabella nru 6). Il-ġrieħi u l-korrimenti superfiċjali (64.8 fil-mija jew 658 każ), u t-tfekkik (25.2 fil-mija jew 256 każ) kienu l-aktar tipi komuni ta' korrimenti (Tabella nru 7).

Fiż-żmien ta' riferenza, 23.3 fil-mija tal-aċċidenti fuq ix-xogħol irrappurtati seħħew f'intrapriżi b'500 ħaddiem jew iżjed, filwaqt li 22.0 fil-mija ġraw f'intrapriżi li jħaddmu minn 50 sa 249 ħaddiem (Tabella nru 9).

L-aħħar data annwali li hemm turi li fl-2025 kienu rrappurtati 640 aċċident mhux fatali għal kull 100,000 persuna li taħdem. L-ogħla rata ta' inċidenza standardizzata t'aċċidenti mhux fatali kienet fil-qasam tal-Kostruzzjoni, filwaqt li warajha kien hemm il-Manifattura (Tabella nru 11).

**Aċċidenti fatali**

Minn Jannar sa Ġunju 2026, l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) irrappurtat tlitt imwiet fuq ix-xogħol (Tabelli nri 12-14). Fl-2025, ir-rata ta' inċidenza t'aċċidenti fatali fuq il-post tax-xogħol kienet ta' 2.7 għal kull 100,000 persuna li taħdem (Tabella nru 15).

Abbona għall-aħħar aħbarijiet

Is-Saħħa

### Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

L-Aċċidenti fuq ix-Xogħol: Lulju-Diċembru 2025

L-Aċċidenti fuq ix-Xogħol: Jannar-Ġunju 2025

L-Aċċidenti fuq ix-Xogħol: Lulju-Diċembru 2024

L-Aċċidenti fuq ix-Xogħol: Jannar-Ġunju 2024

Il-Fatalitajiet fuq ix-Xogħol: 2022-2023

### Temi Oħra Relatati

Is-Suq tax-Xogħol

**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

labourmarket.nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula